MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru 440/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Ramon Mercieca)
**Vs**
**Facial Mahouachi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Facial Mahouachi ta` 35 sena bin Mahdi Ben Ali u Mashou nee' Hagri, imwieled Amor it-Tunezija, fl-1 ta` Frar 1967, u joqghod 14, Flt 5, Sqaq il-Bandolier, Zejtun, detentur tal-karta tal-Identita b`numru 369294M.

1. Talli:- Ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta` El-Lid Ei Huweidi skond kif iccertifikaw Dr.R. Pantinlett MD Reg.No.

1860 mill-Poliklinika tal-Furjana u Dr.Kevin Zammit MD Reg. No. 2671 ta` l-Isptar San Luqa u cioe' ikkaguna ksur fis-sebgha z-zghir ta` id il-leminija, ta` l-istess El-Lid Ei Huweidi, u dan bi ksur ta` Artikoli 214 u 216 (1) (b) tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta` Malta;

2. Hebb ghal El-Lid Ei Huweidi sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta` Artikolu 339 (d) u (e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta

3. Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b`ghajjat u glied u dan bi ksur ta` l-artikolu 338 (dd) tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta

4. Qal fil-pubbiku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f`dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta` l-artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta

5. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta` El-Lid Ei Huweidi weggghu bi kliem, b`gesti jew b`mod iehor u dan bi ksur ta` l-Artikolu 252 (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta

U aktar talli waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza skond artikolu 28 A tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta, li saret definittiva nhar it-28 ta` Marzu 2001 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr.S. Demicoli LL.D ghamel reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Rat in-nota ta` L-Avukat Generali

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.

Rat li l-Akkuzat fis-seduta ta` illum ammetta l-akkuzi migjuba kontrih

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-Prosekuzzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 214, 221 (1), 339 (d) u (e), 338 (bb), 342, 252 (1) tal-kap 9 kif ukoll li l-ghemil sar waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza skond l-Artikolu 28A tal-kap

9, kif ukoll l-Artikoli 22(1) u 22 (2) tal-kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Billi l-partijiet irrangaw l-affarijiet ta` bejnithom u billi l-Qorti ghad fadallha tama li l-hati jista jgieb ruhu ahjar fil-pajjiz li laqghu, waqt li ssibu hati tilliberah taht il-provedimenti ta` l-Artikoli 22 (1) u 22 (2) tal-kap 446 tal-ligijiet ta` Malta b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn m`illum. Il-Qorti minhabba dak li intqal fuq mhux ser tapplika l-provediment tal-Artikolu 383 tal-kap 9.

Il-Qorti qed tfisser lill-hati b`mod car l-import ta` din is-sentenza.

(ft) Dr.Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja

Mario Mifsud
Dep Reg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------